# IL-PJAN TAL-LEZZJONI

## Kap 2: Alla Jaħdem fl-Istorja

## Lezzjoni 2.1: Alla jaħdem fl-istorja ta' Artna

### L-Għanijiet:



**L-istudenti:**

1. Jiftakru fl-istorja ta' Malta bid-diffikultajiet li sabu ruħhom in-nies ta' dawk iż-żminijiet.
2. Jiġu konxji ta' nies kbar Maltin li għamlu isem għalihom u għal Art Twelidhom.
3. Jisimgħu u janalizzaw il-ħajja ta' Dun Mikiel Xerri.

### Ir-riżorsi għal-lezzjoni:

- Powerpoint: Stampa ta' 2 persuna jaħdmu l-għalqa u għalliem jgħallem (fl-antik)
- Powerpoint dwar l-istorja ta' Dun Mikiel Xerri.



- Karta ta' Taħriġ 2.1
- informazzjoni fuq Dun Mikiel Xerri.

http://www.haz-zebbug.info/Dun%20Mikiel%20Xerri.htm –

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Uri l-istampa tat-tfal ġol-għelieqi.
- Għid lill-istudenti li dawk huma tfal Maltin li kienu jgħixu fis-seklu 20.
- Iddiskuti magħhom l-istampi.
- Oħroġ dawn il-punti:
  - Il-faqar u l-għaks
  - In-nuqqas ta' edukazzjoni li kien hemm



- Uri stampa ta' Dun Mikiel Xerri. Staqsi lill-istudenti jekk jafux min hu. Spjega kif dan il-bniedem li kien jgħix ħafna u ħafna snin ilu (1737), ra t-tbatija li sofra hu u n-nies ta' madwaru, minħabba l-kundizzjoni li kienu jgħixu fiha l-Maltin ta' dak iż-żmien.

## Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)



- Spjega l-istampi ta' wara u oħroġ dawn il-punti :
- Dun Mikiel Xerri twieled Ħaż-Żebbuġ fid-29 ta' Settembru 1737 u miet fis-17 ta' Jannar 1799. Kien bravu ħafna u studja f'ħafna Universitajiet fl-Ewropa. Fi żmienu, Malta kienet taħt il-Kavallieri u l-Maltin kienu qed ibatu ħafna. Għalhekk, meta ġew il-Franċiżi, il-Maltin aċċettaw il-bidla għax ittamaw li ħa jkunu aħjar, pero' wara ftit xhur il-Franċiżi neħħew ħafna mid-drittijiet li kellhom il-Maltin u daru kontra l-Knisja. Dun Mikiel Xerri kien kontra dak li kien qed isir. Kien favur ħafna l-foqra u kien hu li fetaħ skola biex jgħallem lit-tfal foqra. Hu ħadem kontra l-inġustizzji u flimkien ma' nies oħrajn iddeċidew li joħduha kontra l-Franċiżi. Meta l-Franċiżi raw dak li kien qed jiġri, huma ssakkru fl-ibliet li kienu bis-swar.

Il-Maltin, u magħhom kien hemm Xerri, fasslu attakk fuq il-Franċiżi, imma l-Franċiżi semgħu b'dak li kien ser jiġri u Xerri u sħabu nqabdu. Ittieħdu priġunieri fil-Forti Sant'Iermu u kienu ser jingħataw il-mewt.

Fi triqithom lejn il-palazz, Dun Mikiel beda jagħmel il-qalb lil sħabu u qabel ma qatluhom hu ngħata ċ-ċans li jitkellem ma' sħabu fejn talbu għall-maħfra ta' dnubiethom. Wara sparawlhom. Sentenza famuża li kien jgħid Dun Mikiel Xerri kienet:

"Qed nagħmel dan għal Art Twelidi u naħseb li din hi l-aħħar ħaġa li ħa nagħmel. Jekk tirnexxi mmut kuntent!".

Dun Mikiel Xerri jissejjaħ patrijott Malti għax qabeż għall-Maltin, ħadha kontra l-inġustizzji u b'kuraġġ kbir ħa l-mewt biex jara lil ta' madwaru aħjar.

- Iftaħ il-Ktieb tal-Attivitajiet 2.1. Aqra u spjega s-silta mogħtija u fuq bażi ta' klassi ddiskuti Attività A. **Xi tweġibiet jistgħu jkunu: famuż, tbatija, kuraġġ, twemmin, determinazzjoni.**

Agħti spjega ħafifa ta' dak li jkun intqal qabel dwar il-ħajja ta' dan il-bniedem u wara stieden lill-istudenti biex b'mod individwali jaħdmu Attività B (1) . Ir-risposti huma **a) qassis b) f'universitajiet fl-Ewropa c) tfal foqra, e) kien jaf li ħa jmut u xtaq li l-komplott jirnexxi f) għax qabeż għall-Maltin, ħadha kontra l-inġustizzji u b'kuraġġ kbir ħa l-mewt biex jara lil ta' madwaru aħjar.**

Attività B (2) : Hawnhekk jissemmew persuni mill-ħajja tat-tfal li għalihom huma importanti. Eż. Nanniet, għalliema,

- Aqra Attività Ċ u oħloq diskussjoni dwar is-sentenza mogħtija. Ir-risposti: a) jagħti ħinu, jaqdi jisma' lill-ħaddieħor allavolja ma jkollux aptit. b) per eżempju billi nwarrab minni l-egoiżmu, inkun attent/a għall-bżonnijiet tal-oħrajn, c) fejn hemm il-vera mħabba hemm it-tbatija.

- Agħlaq il-lezzjoni billi tispjega l-fatt li kull persuna trid tagħti ħajjitha għal ta' madwarha b'ħafna modi avolja tbati.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)



1. Min hu bil-għaqal u jrid jimxi ma jistax jibża mid-diffikultjiet.
2. Dun Mikiel Xerri kien Maltin minn Ħaż-Żebbuġ.
3. Kien bravu ħafna u kien jgħallem lin-nies biex jitgħallmu għax it-tagħlim jagħtik id-dinjità tiegħek.
4. Ma kienx jiflaħ jara lil min ikasbar lill-batut u lill-fqir.
5. Il-Franċiżi kienu qed jieħdu d-drittijiet ta' kulħadd.
6. Darba, Dun Mikiel iddeċieda li flimkien ma' xi nies oħra joħodha bis-sħiħ kontra l-Franċiżi. Inqabad u ma' xi oħrajn ġie maqtul.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

L-istudenti jaraw kif jistgħu jkunu kuraġġużi

fil-ħajja tagħhom.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Xi informazzjoni fuq Dun Mikiel Xerri.



http://www.haz-zebbug.info/Dun%20Mikiel%20Xerri.htm

**Nitolbu**



Mulej, għinni ma naqtax qalbi meta niffaċċja sitwazzjonijiet

li fihom irrid inbati biex ngħin u nservi ta' ġid.